MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Numru 1044/2002

**Il-Pulizija**

**Spettur Carmelo Magri**

**Spettur Pio Pisani**

**v**

**IVAN GALEA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **IVAN GALEA** ta' tmienja w ghoxrin sena bin il-mejjet David u Maria nee Vella, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' Ottubru 1974 u joqghod Block A, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 500774M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe:

1. Fid-dsatax ta' Dicembru 2002 ghall-habta tas-siegha w ghoxrin ta' wara nofsinhar, flimkien ma

persuni ohra mhux maghrufa mill-hanut bl-isem Solid Gold Jewellery, sitwat fi Triq il-Halel, San Pawl il-Bahar, kkommetta serq ta' oggetti tad-deheb u gojjelli ohra ghad-dannu ta' Anthony Saliba minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond l-ligi minn awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Marion Borg mir-Rabat u lil Daniela Vella mill-Mellieha kontra l-volunta taghhom;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil imsemmija Marion Borg u Daniela Vella jghamlu, jhallu jsir jew jonqsu milli jaghmlu xi haga;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew initazzjoni ta' arma regolari;

5. Talli f'dawn il-Gzejjer fid-dsatax ta' Dicembru 2002 zamm u/jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar [senter] minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Talli fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi, volunarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi kisser diversi hgieg tal-vetrini tas-Solid Gold Jewellery liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-istess Anthony Saliba;

7. Talli fil-lejl ta' bejn il-hmistax w is-sittax ta' Dicembru 2002 flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa minn Triq l-Ilqugh s-Swieqi, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru ta' registrazzjoni DAT 562 ghad-dannu ta' Maggie Marian Gingell Littlejohn, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe l-vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru ta' registrazzjoni DAT 562 gha-dannu ta' Maggie

Marian Gingell Littlejohn mis-Swieqi, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda mhux izjed minn hames mitt lira maltin;
9. Talli fil-lejl ta' bejn t-tlettax u l-erbatax ta' Dicembru 2002 flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa minn Triq F. Geneste, B'Kara, ikkommetta serrq ta' sett pjanci minn fuq vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni DAT 993 ghad-dannu ta' Ruth Custo mill-Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
10. Talli fl-istes dati, hinijiet, lokalita u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghom jew imexxihom;
11. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta' Gunju 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hdax ta' Lulju 2003 kif jirrizulta a fol 227 tal-atti odjerni, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2003 fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu u wara li wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit ta' zmien biex jekk ried setgha jerggha lura minnha.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizzjonata da parti tal-imputat, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandhu jinstab hati tal-akkuzi kif ammessi minnu.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni .

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-meritu il-Qorti m'ghandhiex x'tikkummenta stante l-ammissjoni tal-imputat u ghalhekk dak li ser tghid il-Qorti jikkoncerna <u>biss</u> l-piena li sejra tapplika.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 7 et seq tal-process u minn ezami tal-istess jirrizulta li bejn il-perjodu tal-1990 u 2002 u cioe f'dawn l-ahhar tnax il-sena, l-imputat instab hati ta' dsatax il-kawza fejn gie akkuzat fost affarijiet ohra dwar serq, talli kkaguna feriti fuq diversi persuni u talli kkaguna hsara voluntarja, meta gie moghti diversi pieni fosthom hlas ta' multi, probations, sentenzi sospizi u prigunerija. Illi dan nonostante l-imputat reggha qieghed quddiem il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni u ghalhekk ifisser li l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet li nghatawlu mill-Qorti.

Il-Qorti semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tal-ghoxrin ta' Ottubru 2003 illi meta l-imputat tressaq il-Qorti ma kellux kazijiet ohra pendenti u lil Avukat Difensur jikkonferma li kazijiet ohra, salv dawn presenti, l-imputat m'ghandhux ohrajn.

Illi fit-trattazzjoni tal-partijiet jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta' droga u huwa jixtieq jibda programm ta' rihabilitazzjoni sabiex jitpogga fit-triq t-tajba.

Illi l-Qorti giet infurmata illi jekk l-imputat jkollu sentenza ta' prigunerija ta' aktar minn sentejn huwa ma jkunx eligibbli ghal programm ta' rihabilitazzjoni.

Illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li sakemm ilu taht arrest preventiv il-habs, u cioe ghal dawn l-ahhar ghaxar xhur, l-imputat ma kien involut f'ebda incident.

Il-Qorti pero minn naha l-ohra qisiet wkoll ic-cirkostanzi u cioe li l-akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputat, huma ta' certa portata u huma serji u ghalhekk ma thossx li ghandha tibghat messagg lis-socjeta li qed tkun klementi mal-imputat. Huwa d-dover tal-Qorti li tikkreja bilanc bejn l-interess tas-socjeta u l-gustizzja li trid taghmel mal-imputat.

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk **il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi kif citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-tletin ta' Gunju 2003 esibita fl-atti a fol 226 u cioe l-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(b), 280, 281, 325(a), 251, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat IVAN GALEA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar mill-lum.**

**Il-Qorti tordna li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, u cioe 'l fuq minn ghaxar xhur, ma jigix imnaqqas minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti taghmel r-rakkommandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jressaq lil imputat ghal programm ta' rihabilitazzjoni minnufih sabiex b'hekk forsi l-imputat jibda triq t-tajba.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din is-sentenza lil imputat li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb x'jigri f'kaz li jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------